MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 65/2016/2 LM

**Perit David Anastasi f'ismu proprju**
**kif ukoll f'isem Demicoli & Associates**
*(l-appellati)*

***vs.***

**Sarex Limited (C6098), u**
**Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi**
*(l-appellanti)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed magħmul mill-intimati **Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi** [minn issa 'l quddiem "l-intimati Azzopardi"] u l-ieħor

magħmul inċidentalment mir-rikorrenti l-**Perit David Anastasi f'ismu proprju u f'isem DeMicoli & Associates** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent pro et noe" jew "l-appellati"] mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrent Anastasi pro et noe kif ġej:

"1. *Tilqa' t-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u filwaqt illi tiddikjara li l-attur Perit David Anastasi* de proprio *ma għandu ebda interess ġuridiku fl-azzjoni, tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju limitatament fil-konfront tal-istess attur* de proprio*;*

2. *Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u filwaqt illi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Sarex Limited ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u tiddikjara illi l-attur Perit David Anastasi huwa awtorizzat jaġixxi u jħarrek f'isem id-ditta DeMicoli & Associates u li jirrappreżenta l-interessi tagħha;*

4. *Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti; u*

5. *Tilqa' t-talba tal-attur Perit David Anastasi f'isem DeMicoli & Associates billi tikkundanna lill-konvenuti Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi jħallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' disat elef, erba' mija u erbgħin Euro (€9,444), ammont rappreżentanti drittijiet professjonali fuq servizzi reżi lill-istess konvenuti, bl-imgħax mid-data tal-ewwel ġudizzjarja ċioé mit-22 ta' Marzu 2016.*

*Kwantu għall-kap tal-ispejjeż, tordna illi dawk tas-soċjetà konvenuta Sarex Limited jitħallsu mill-attur* proprio et nomine; *dawk tal-attur* de proprio *jiġu sopportati minnu stess; filwaqt illi l-ispejjeż l-oħra jitħallsu mill-konvenuti Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi."*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw pretensjoni ta' ħlas magħmula mir-rikorrent pro et noe fil-konfront tal-intimati Azzopardi u tas-soċjetà intimata **Sarex Limited** (C6098) [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata"], fir-rigward ta' servizzi professjonali reżi fuq inkarigu tal-intimati.

## Mertu

3. Ir-rikorrent pro et noe istitwixxa l-proċeduri odjerni quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' rikors fejn ħarrek lill-intimati Azzopardi flimkien mas-soċjetà intimata sabiex iħallsu s-somma ta' disat elef, erba' mija u erbgħin Euro (€9,440.00), rappreżentanti drittijiet professjonali għal servizzi reżi skont l-istruzzjonijiet tagħhom, u dan bl-imgħax u bl-ispejjeż.

4. L-intimati Azzopardi u s-soċjetà intimata wieġbu permezz ta' risposta ppreżentata fid-29 ta' April, 2016, fejn issottomettew li t-talbiet tar-rikorrent pro et noe kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, filwaqt li ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet: (1) preliminarjament, ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent pro et noe u s-soċjetà intimata; (2) in-nuqqas ta' konformità tas-servizzi pprestati mal-istruzzjonijiet tagħhom; (3) l-ammont reklamat kien eċċessiv. Dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra r-rikorrent pro et noe, inkluż dawk tal-ittra ġudizzjarja tat-30 ta' April, 2015.

**Ir-risposta ulterjuri tal-intimati**

5. Wara d-digriet tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Diċembru, 2018, fejn laqgħet it-talba tal-intimati sabiex jippreżentaw eċċezzjonijiet ulterjuri *"...sabiex tiġi sollevata l-eċċezzjoni limitatament għall-illeġittimità tal-attur li jħarrek f'isem ħaddieħor, kif ukoll l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur* de proprio *f'din l-azzjoni",* huma ppreżentaw is-segwenti eċċezzjonijiet:

> *"L-intimati jeċċepixxu illi t-talba għandha tiġi miċħuda stante l-fatt illi fid-data tal-intavolar tal-kawża odjerna l-Perit David Anastasi ma kellu l-ebda setgħa illi jmexxi, jaġixxi, u/jew iħarrek f'isem id-ditta Demicoli & Associates u li jippreżenta l-interessi tal-istess u dan stante illi din tal-aħħar kienet preżenti u għadha preżenti ġewwa Malta;*
>
> *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talba għandha tiġi miċħuda stante l-fatt illi l-attur* de proprio, *il-Perit David Anastasi, ma għandux u ma kellux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jaġixxi u jkompli jaġixxi f'din l-istanza".*

**L-ewwel sentenza kif appellata**

6. Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' April, 2018, l-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Għalhekk fid-dawk ta' dan kollu li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma pprovax l-interess ġuridiku tiegħu u ma pprovax li hu kellu l-mandat sabiex jirrappreżenta l-uffiċċju Demicoli & Associates u għalhekk qiegħda tiċħad it-talba attriċi b'dan illi filwaqt li qiegħda tillbera lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuti.*
>
> *L-ispejjeż ta' din il-kawża huma a karigu tal-attur de proprio."*

7. Ir-rikorrent pro et noe appella minn dik is-sentenza u fis-16 ta' Ottubru, 2018, din il-Qorti, kif diversament preseduta, iddeċidiet l-appell interpost billi:

*"...filwaqt li tiċħad l-ewwel aggravju, tilqa' l-kumplament tal-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tħassar is-sentenza tal-10 ta' April, 2018 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuti."*

8. B'hekk l-atti intbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi l-kawża.

## Is-Sentenza Appellata

9. L-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari magħmula mill-intimati:

*"Ikkunsidrat;*

*Illi f'din il-kawża l-attur jitlob li l-konvenuti* de proprio *jew f'isem is-soċjetà Sarex Limited jiġu kkundannati sabiex iħallsu lilu u lid-ditta DeMicoli & Associates is-somma ta' disat elef, erba' mija u erbgħin ewro (€9,940) rappreżentanti drittijiet professjonali dovuta għal servizzi reżi minnu in konnessjoni ma' xi pjanti u spezzjonijiet dwar proġett li kellu jsir fil-fond Stoney Brook, Triq il-Ħarruba, l-Iklin.*

*Illi qabel xejn, ikun opportun illi jiġu indirizzati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom (fn. 1 Risposta ppreħentata fid-29 ta' April 2016) għar-Rikors promotur, kif ukoll l-eċċezzjonijiet ulterjuri sollevati fir-Risposta tal-konvenuti tal-20 ta' Diċembru 2018 billi dawn huma ta' natura proċedurali b'mod illi jekk xi waħda minnhom tiġi milqugħa, l-azzjoni attriċi tfalli, ta' lanqas* in parte.

*Il-konvenuti fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom (fn. 2 Risposta tad-29 ta' April 2016) jikkontendu li ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attur* proprio et nomine *u s-soċjetà Sarex Limited, filwaqt illi fit-tieni eċċezzjoni ulterjuri tagħhom (fn. 3 Risposta tal-20 ta' Diċembru 2018) jikkontestaw l-interess ġuridiku tal-attur il-Perit David Anastasi* de proprio *biex imexxi b'din l-azzjoni kontrihom ilkoll.*

*Kwantu, imbagħad, għall-azzjoni mmexxija mill-attur fil-kapaċità rappreżentattiva ta' DeMicoli & Associates, il-konvenuti jikkontendu ulterjorment illi l-azzjoni ma*

*tiswiex għaliex l-attur ma setax iħarrek f'isem l-imsemmija ditta billi din kienet u għadha preżenti ġewwa Malta.*

*Il-Qorti tqis għalhekk illi qabel xejn jeħtieġ li jiġu determinati u sorvolati (i) il-kwistjoni tal-interess ġuridiku* o meno *tal-attur il-Perit David Anastasi* de proprio *fl-azzjoni odjerna, u f'kull każ (ii) jekk l-istess attur setax iħarrek u jaġixxi f'isem DeMicoli & Associates. Affermattivament, f'każ wieħed jew l-ieħor, ikun jifdal li tiġi indirizzata l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn l-attur f'ismu proprju jew* proprio et nomine*, skont il-każ, u s-soċjetà konvenuta Sarex Limited, u biss una volta sorvolati dawn l-ostakoli ta' natura proċedurali, jista' jiġi trattat u determinat il-mertu tat-talba attriċi.*

<u>*L-Interess Ġuridiku tal-Attur David Anastasi* proprio</u>

*L-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tal-attur f'ismu proprju biex iġib 'il quddiem din l-azzjoni, hija bbażata intrinsikalment fuq l-allegazzjoni illi d-drittijiet professjonali reklamati, jekk verament dovuti, m'humiex dovuti lilu iżda lil DeMicoli & Associates.*

*L-interess ġuridiku ta' min jipproponi l-azzjoni ġiet deskritta bħala* "l-miżura tal-azzjoni" *(fn. 4 Vol. XXXVII Part 2 paġna 608) u* "l-bażi tal-azzjoni" *(fn. 5 Vol. XXIX Part I paġna 89) u għalhekk jassumi importanza massima u determinanti mhux biss għall-fini tal-istituzzjoni tal-azzjoni iżda wkoll għat-tkomplija tagħha. Fil-fatt, l-interess ġuridiku, li wara kollox jirradika d-dritt għas-smigħ għall-parti attriċi, irid jissussisti tul il-proċediment kollu sas-sentenza finali, u mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbligu għas-smigħ (fn. 6 Ara in propositu: **Veronique Amato Gauci et vs Marco Zammit et**, Appell Ċivili, deċiż 19 ta' Mejju 2004).*

*In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ fl-ismijiet **It-Tabib Charles Delicata et vs Alfred Borg** tat-28 ta' Frar 2017 fissret illi: -*

"it-talba tal-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tiegħu. Għalhekk objettivament l-iskop ta' kull kawża huwa sabiex l-attur jerga' jitqiegħed fl-ezerċizzju jew tgawdija sħiħa tal-jeddijiet tiegħu. Il-funzjoni u l-oneru tal-ġudikant huwa li jieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi u jaċċerta ruħu mid-drittijiet tal-attur sabiex jasal u jistabilixxi jekk teżistix xi vjolazzjoni tal-jedd, kif ukoll jekk għandhiex isseħħ it-tneħħija ta' tali vjolazzjoni.
...

Ikun hemm interess ġuridiku jekk il-kawża tkun tista' twassal għal vantaġġ għal min jipproponiha. Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oġġett jew benefiċċju ta' xi jedd mogħti lilu bil-liġi, u li jkun ġie vjolat."

*In tema legali, biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, iridu jiġu sodisfatti diversi kriterji. Il-prinċipji li jikkwalifikaw l-interess li għandu f'kull każ jiġi riskontrat fl-attur biex jippromwovi u jsostni l-azzjoni minnu esperita, ġew elenkati*

*fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru 2003 fil-kawża* ***Agatha sive Agathina Formosa Gauci v. Dr. Francis Lanfranco et****:-*

"i. l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;

ii. l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;

iii. l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmula kontriha;

iv. l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal rizultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;

v. l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-ħajja kollha tal-azzjoni u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;

vi. l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieg li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;

vii. fil-prattika ġudizzjarja, wiehed jista' jippromwovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluza fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'il quddiem;

viii. l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku;

ix. jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd tal-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda llegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ." *(fn. 7 Ċitata wkoll f'****Karina Fenech vs Awtorità tad-Djar et*** *– Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 12 ta' Diċembru 2011).*

*Ikkunsidrat;*

*Il-provi l-iktar rilevanti għal din l-eċċezzjoni proċedurali, jikkonsistu fl-*Affidavit *tal-attur ippreżentat fis-27 ta' Frar 2019 u x-xhieda tiegħu in kontroeżami fl-udjenza tad-9 ta' April 2019. Fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2017 l-istess attur kien diġà xehed illi l-*

*ammont mitlub minnu f'din il-kawża huwa dovut lil DeMicoli and Associates u mhux lilu personalment.*

*Fl-imsemmi* Affidavit *tiegħu, l-attur xehed illi ilu sa minn meta ggradwa bħala perit fis-sena 2003 li ilu msieħeb fid-ditta DeMicoli & Associates. Jgħid illi huwa impjegat formalment fuq bazi* full-time *mad-ditta iżda apparti li għandu kuntratt ta' impieg u kwindi jipperċepixxi salarju, għandu wkoll il-pożizzjoni ta'* associate *tad-ditta iżda huwa awtorizzat ukoll illi jaqdi klijenti personali tiegħu diment li jaġixxi bħala* associate *tad-ditta u joħroġ il-kontijiet għall-ħlas tad-drittijiet fuq* letterhead *ta' DeMicoli & Associates. Imbagħad, skont l-attur, il-ħlas ta' dawn id-drittijiet ġejjin minn servizzi reżi lil klijenti personali tiegħu, jitqassam bejnu u bejn l-imseħbin fid-ditta billi huwa jżomm sehem ta' 40% u jgħaddi s-sehem ta' 60% lill-*kitty *tad-ditta. L-attur fisser illi dan il-*fee-sharing agreement*, għalkemm dejjem kien wieħed verbali, ġie formalizzat bil-miktub permezz ta'* email *mibgħut lilu minn Ray DeMicoli qabel infetħet din il-kawża, liema* email *jinsab esebit fl-atti bħala Dok. DAx.*

*In kontro-eżami (fn. 8 9 ta' April 2019) l-attur xehed illi d-ditta DeMicoli & Associates hija bbażata f'Malta u kienet hekk ibbażata anke fiż-żmien meta huwa fetaħ il-kawża odjerna. L-uffiċċju tad-ditta jinsab gewwa San Ġwann u l-attur afferma illi l-*associates *kollha tad-ditta, ċioé Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li wkoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tad-ditta kollha jgħixu Malta.*

*Huwa ċaħad li jitħallas* commission *meta jagħti servizzi professjonali lil klijenti personali tramite d-ditta, u fisser li skont il-ftehim milħuq mas-sħab fid-ditta, il-*fees *jitqassmu fi kwota ta' 60% lid-ditta u 40% lilu. Jikkonferma illi s-sehem ta' 40% huwa speċi ta' "*reward*" li jitħallas lilu talli jkun ressaq il-klijent lejn id-ditta. Mistoqsi jgħid jekk allura l-klijent ikun fl-aħħar mill-aħħar klijent tad-ditta u mhux tiegħu, l-attur fisser illi l-klijent jistmaħ bħala klijent tiegħu wkoll għaliex ir-relazzjoni tal-klijent tkun miegħu u jkun klijent tiegħu.*

*L-attur spjega wkoll illi fir-rigward il-konvenuti, is-servizzi professjonali ġew reżi mid-ditta DeMicoli & Associates iżda tramite lilu, u kkonferma illi huwa rrenda s-servizzi taħt il-kappa ta' DeMicoli & Associates, tant illi l-*invoice *intbagħat fuq* letterhead *ta' DeMicoli & Associates.*

*Ikkunsidrat;*

*Minn dan huwa evidenti illi s-servizzi mogħtija lill-konvenuti ġew reżi mill-uffiċċju DeMicoli & Associates iżda tramite l-attur bħala l-perit inkarigat għaliex il-klijent, f'dan il-każ, kien introduċih lid-ditta l-istess attur. Mill-ġabra tal-provi fuq imsemmija, il-Qorti fehmet ukoll illi għall-ħidma tiegħu fuq il-proġett in kwistjoni l-attur tħallas salarju fiss mingħand l-istess ditta billi huwa impjegat fuq bazi* full-time*, u b'żieda ma' dan is-salarju jista' jirċievi eventwalment mingħand id-ditta sehem ta' 40% mid-drittijiet professjonali li jitħallsu mill-klijent f'dan il-każ il-konvenuti. Iżda peress illi kif ikkonferma l-attur, il-kontijiet kellhom jintbagħtu u effettivament intbagħtu fuq il-*letterhead *tad-ditta DeMicoli & Associates, isegwi illi*

*l-ħlas tad-drittijiet reklamati, mertu ta' din il-kawża, isir lil u jiġi perċepit mid-ditta u mhux minnu personalment.*

*Is-servizz f'dan il-każ ġie prestat mill-Perit Anastasi għan-nom ta' DeMicoli & Associates u ċioé a bażi tar-relazzjoni kontrattwali li għandu l-istess perit ma' dan l-uffiċċju. Dan il-fatt huwa ukoll kkonfermat minn Caroline Webb li tgħid li minkejja li hija ħadmet fuq dan il-proġett bħala* interior designer *flimkien mal-Perit Anastasi, hija ma tħallsitx ta' xogħolha għaliex hija taħdem* full time *ma' dan l-uffiċċju u għalhekk għandha paga mensili.*

*Dan kollu jfisser illi filwaqt illi l-paga tal-attur ma tiddependix minn jekk il-konvenuti jiġux ikkundannati* o meno *jħallsu d-drittijiet mitluba f'din il-kawża, anke kieku kellu jsir il-pagament tad-drittijiet mitluba f'din il-kawża, is-sehem dovut lill-attur proprju ikun dovut lilu u jiġi mħallas mid-ditta DeMicoli & Associates. Infatti l-attur ikkonferma meta ġie mistoqsi speċifikatament, illi huma s-*Senior Associates *Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li effettivament jamministraw l-affarijiet tad-ditta.*

*Rilevanti in propositu huwa dak rapportat fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Terribile v. Arthur Bajada*** *(fn. 9 Appell Ċivili, deċiża 30 ta' April 2009): -*

"Issa, l-interess ġuridiku jrid jissussisti fil-kawża kif proposta u dejjem fil-kuntest tat-talbiet attriċi. L-interess ġuridiku jimporta mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma ukoll interess li jissarraf fi pretensjoni ta' eserċizzju ta' dritt kontra l-persuna ċitata. Għalhekk mhux kull utilità ġuridika tekwivali għall-interess ġuridiku. (ara App. Attard vs Baldacchino et tal-5/10/2001). It-talbiet u l-premessi fiċ-ċitazzjoni jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti għandha tiddeċiedi u li jiddeterminaw il-kompetenza tagħha. Il-Qorti għalhekk ma tistax tiddeċiedi fuq xi ħaġa mhix mitluba jew difiża mhux imressqa." *(fn. 10 Sottolinejar ta' din il-Qorti).*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fit-28 ta' Frar 1997 fil-kawża fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousù pro et noe et****, il-Qorti tal-Appell irriteniet:-*

"l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-agir abbużiv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali agir."

*Finalment, kif qalet ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Kevin Chircop vs Joseph Chircop*** *tat-28 ta' Jannar 2004:*

"Issa ħadd ma jiddubita illi l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd. Daqstant ieħor però huwa indiskuss ukoll illi min jadixxi lill-Qrati għandu juri li huwa għandu dritt li ġie vjolat lilu, jew li jiġi lilu ri-stabbilit id-dritt hekk leż mill-konvenut, u allura permezz tal-azzjoni jista' jipprokura xi riżultament vantaġġuż jew skop utli."

*Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje ta' dan il-każ, il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-ħlas tad-drittijiet professjonali reklamat mingħand il-konvenuti huwa,*

*dikjaratament, dovut lil u jigi perċepiti mid-ditta DeMicoli & Associates jista' jfisser biss illi l-attur fil-vesti tiegħu personali ma għandux dritt li jaġixxi għall-ħlas tal-istess drittijiet. Il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-attur jista' jkun intititolat eventwalment għal sehem minn dawn id-drittijiet, huwa immaterjali stante illi l-ħlas ta' sehmu huwa dovut mhux mill-konvenuti iżda mid-ditta DeMicoli & Associates u ċertament il-kwistjonijiet interni huma irrilevanti kif ukoll* res inter alios acta *għall-konvenuti odjerni. Wara kollox, kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-26 ta' Jannar 2018 (fn. 11* ***Emily Stivala et vs Paola Tabone****), wieħed irid jiddistingwi bejn sempliċi interess u interess ġuridiku f'kawża.*

*Il-korollarju ta' dan huwa, fil-fehma tal-Qorti, il-karenza assoluta ta' interess personali, dirett u attwali da parti tal-attur de proprio fl-azzjoni odjerna illi kellha tigi esperita, per konsegwenza, mid-ditta DeMicoli & Associates li għandha, effettivament, l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tipproponi din il-kawża u ċertament mhux l-attur proprju, li ma għandu ebda dritt x'jiġi lilu rikonoxxut jew tutelat f'din l-azzjoni.*

*Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tilqa' it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti billi tqis illi l-attur il-Perit David Anastasi,* de proprio*, ma għandux interess ġuridiku fl-azzjoni la kif diretta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Sarex Limited u lanqas fil-konfront tal-konvenuti Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi.*

*L-Azzjoni Mibdija mill-Attur f'Isem DeMicoli & Associates*

*Stabbilit li l-attur fil-vesti personali tiegħu ma għandux l-interess ġuridiku biex imexxi 'l quddiem din l-azzjoni għaliex, kif stabbilit, id-drittijiet professjonali reklamati huma pagabbli, jekk dovuti, lil DeMicoli & Associates, jeħtieġ li jigi kkunsidrat jekk l-istess attur setax jaġixxi f'isem l-imsemmija ditta għall-ħlas tal-ammont reklamat.*

*Il-konvenuti permezz tar-Risposta ulterjuri tagħhom (fn. 12 20 ta' Diċembru 2018, fol.20) eċċepew illi meta ġiet istitwita l-azzjoni odjerna, il-Perit David Anastasi ma kellu l-ebda setgħa jaġixxi u jħarrek f'isem DeMicoli & Associates u jirrappreżenta l-interessi tal-istess, stante illi din kienet u għadha preżenti gewwa Malta.*

*Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-fatt illi l-ħlas huwa primarjament dovut lil persuna oħra u mhux lill-attur personalment ma jfissirx* ut sic *illi l-attur ma setax jingħata l-awtorizzazzjoni li jfittex għall-ħlas tal-ammont reklamat in rappreżentanza u għan-nom tal-persuna l-oħra, ċioé l-prinċipal, purché l-imsemmi mandanti ma jkunx preżenti Malta.*

*Difatti, bħala attur fl-okkju tar-Rikors promotur hemm ukoll l-isem "DeMicoli & Associates" u l-Perit David Anastasi fix-xhieda tiegħu (fn. 13 3 ta' Lulju 2017) jispjega illi huwa ġie awtorizzat bil-miktub mid-diriġenti tad-ditta DeMicoli & Associates sabiex jintavola dawn il-proċeduri għall-ħlas tal-ammont reklamat in linea ta'*

*drittijiet professjonali, u dan permezz ta'* email *mibgħut lilu minn Ray DeMicoli qabel infetħet din il-kawża, liema* email *jinsab esebit fl-atti bħala Dok. Dax (fn. 14 Fol. 27).*

Ikkunsidrat;

*Il-mandat, jew il-prokura, huwa regolat bl-**Artikoli 1856 sa 1890 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (fn. 15 Art. 1856(1) Kodiċi Ċivili), u jista' jkun speċjali, jekk jingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinanti, biss; jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha tal-mandat (fn. 16 Art. 1862 Kodiċi Ċivili).*

*L-**Artikolu 1857** jistipula: -*

*(2) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Elkhiate neé Attard et vs Emanuel Attard et** (fn. 17 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2001) ingħad: -*

"Il-mandat jista' jingħata mhux biss bil-miktub, imma anke bil-fomm u anki taċitament (**Rizzo Bamber vs Rizzo** PA 11 ta' Jannar 1950, **Saverio Galea v Paolo Gauci noe** -Vol.XXVIII-I-60)".

*Illi l-eżistenza tal-mandat trid tiġi ppruvata sal-grad rikjest bil-Liġi, u li dan il-mandat ingħata espressament. Fil-każ fl-ismijiet **Romeo Fleri v Nutar Francis Xavier Dingli** (fn. 18 Appell Ċivili deċiż fis-17 ta' Mejju 1963) il-Qorti irriteniet li huwa minnu li l-mandat jista' jingħata taċitament iżda "*element essenzjali tal-mandat taċitu hi x-xjenza u il-konsapevolezza tas-suespost mandat li affari li jinteressah ġie intrapriż minn ħaddiehor..."

*Kif ritenut in materja fis-sentenza fl-ismijiet **Avv. Michael Psaila nomine vs Joseph Pace et** ingħad li bħala punt ta' dritt:-*

"… m'hemmx kwestjoni li min jallega l-eżistenza tal-mandat għandu l-oneru fuqu li jipprovah" *(fn. 19 Ara wkoll in propositu **Ethel Farrugia vs Albert von Brockdorff noe**, Appell Kummerċjali, 5 ta' Frar 1971; **George Debono noe vs Edgar Pugliesevich noe**, Appell Kummerċjali, 9 ta' April 1976.).*

*Il-Qorti qrat l-iskambju ta' korrispondenza bejn l-attur David Anastasi u Ray DeMicoli (fn. 20 Dok. DAx), u hija tal-fehma li David Anastasi kien tabilħaqq inkarigat minn wieħed mis-Senior Associates tad-ditta DeMicoli & Associates sabiex jiġbor id-drittijiet professjonali li kellhom jitħallsu lill-istess ditta. Il-Qorti tqis ukoll illi meta bi tweġiba għad-diversi* emails *tiegħu (fn. 21 3 ta' Settembru 2014, 4 ta' Settembru 2014 and 1 ta' Ottubru 2014), l-attur ingħata struzzjonijiet espressi sabiex iqabbad avukat u jiġbor id-dritt kollu, kien b'hekk awtorizzat illi jipproċedi b'din l-azzjoni ġudizzjarja f'isem id-ditta DeMicoli & Associates għall-ħlas tad-drittijiet professjonali u dan ukoll fis-somma intiera u mhux dik skontata.*

*In tema legali, l-Artikolu 1865 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-*

(1) Għall-esekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jaġixxi ġudizzjarjament; jagħmel u jissokta appelli; jagħmel prova bis-subizzjoni tal-parti kuntrarja; jieħu l-ġurament in litem jew il-ġurament suppletorju; jesegwixxi sentenzi sew fuq ħwejjeġ mobbli kemm immobbli; jitlob il-ħruġ ta' atti kawtelatorji, fosthom dawk li għalihom hu meħtieġ li jsiru rikorsi jew dikjarazzjonijiet bil-ġurament; … u jagħmel kull ħaġa oħra li l-mandant jista' jagħmel huwa nnifsu, għalkemm dawn is-setgħat ma jkunux espressi fil-mandat.

(2) Il-mandatarju jista' wkoll, bis-setgħa hawn fuq imsemmija, ikun konvenut fl-isem tal-mandant, f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat.

*Applikati għall-każ tal-lum il-prinċipji ġenerali u l-insenjament relattiv in materja tal-istitut tal-mandati, il-Qorti hija sodisfatta illi l-attur, il-Perit David Anastasi, kien debitament awtorizzat illi jaġixxi ġudizzjarjament għan-nom tad-ditta li magħha huwa impjegat u aġixxa, ta' lanqas kwantu aġixxa f'isem DeMicoli & Associates, entro l-parametri li ġew stabbiliti fil-korrispondenza esebita (Dok. DAx) u li ngħataw lilu fir-rigward.*

*Ikkunsidrat;*

*Jifdal għalhekk illi jigi mistħarreġ dak l-aspett tal-eċċezzjoni in diżamina li tirrigwarda l-illegitimità tal-attur kwantu qed jaġixxi fl-isem ta' DeMicoli & Associates, liema eċċezzjoni hija evidentement ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1866 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdu hekk:-*

*Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili…*

*L-attur xehed fir-rigward (fn. 22 Doc. T ukoll anness mal-Affidavit tal-attur a fol. 12) illi d-ditta DeMicoli & Associates hija bbażata f'Malta u kienet hekk ibbażata anke fiż-żmien meta huwa fetaħ il-kawża odjerna. L-uffiċċju tad-ditta jinsab ġewwa San Ġwann u l-attur afferma illi s-soċji kollha tad-ditta, ċioé Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li lkoll jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tad-ditta, kollha jgħixu Malta.*

*Iżda, il-Qorti tqis illi d-divjet fl-Artikolu 1866 tal-Kap. 16 li persuna ma tistax toqgħod bħala attur f'kawża bħala mandatarju ta' persuna oħra li tinsab f'Malta, jgħodd biss meta l-prinċipal ikun individwu u mhux soċjetà jew korp ta' persuni formalment imwaqqaf u li għandu personalità ġuridika distinta.*

*Mill-provi akkwiziti, fosthom Doc. Ġ formanti parti mill-atti a fol. 12, jirriżulta illi l-entità DeMicoli & Associates għandha n-numru ta' registrazzjoni C-8243, liema numru jinsab indikat anke fl-*invoice *mibgħut minn din id-ditta lill-konvenuti. Għall-Qorti dan ifisser illi DeMicoli & Associates m'huwiex sempliċement isem tan-negozju jew ditta konsistenti fl-eżerċizzju tal-professjoni tad-diversi periti msemmija mill-*

*attur fix-xhieda tiegħu, assoċjati flimkien, iżda huwa l-isem ta' korp formalment imwaqqaf u reġistrat. Billi jirrizulta illi effettivament dan il-korp, oltre li għandu numru ta' reġistrazzjoni, għandu wkoll numru tal-V.A.T. u evidentement jimpjega f'ismu persuni fuq bażi* full-time*, fosthom l-attur u Caroline Webb, il-Qorti tqis illi tista' raġjonevolment tasal għall-konklużjoni illi d-ditta DeMicoli & Associates mhux talli hija soċjetà kostitwita skont kif imfisser fl-Artikolu 180(1)(a) tal-Kapitolu 12, talli hija korp li jaġixxi b'mod awtonomu u munit b'personalità ġuridika distinta.*

*Skont kif fisser l-attur fix-xhieda tiegħu, il-persuni li flimkien jamministraw l-affarijiet ta' din is-soċjetà huma Ray DeMicoli, Aldo Busuttil u Paul Borg li lkoll huma* senior associates*, u flimkien magħhom hemm periti oħrajn, bħalu, li huma impjegati formalment mad-ditta li huma wkoll* associates *fid-ditta. F'każ ta' klijenti privati tal-attur, għalkemm dawn jitqiesu bħala klijenti tad-ditta, huwa fisser kif huwa jitħallas ukoll oltre għas-salarju tiegħu mill-impieg, persentaġġ tad-drittijiet professjonali perċepiti minn DeMicoli & Associates skont* fee-sharing agreement *ġenerali li fil-każ odjern, ġie evidenzjat bil-miktub. Fil-fehma tal-Qorti, din ix-xhieda ma teskludix u ma tnaqqas xejn mill-konvinzjoni tagħha, illi d-ditta DeMicoli & Associates hija korp ta' persuni munit b'personalità guridika distinta.*

*Magħdud dan, il-Qorti tqis illi huwa sodisfaċjentement ippruvat fil-grad li trid il-liġi fil-kamp ċivili, illi l-attur David Anatasi ingħata, sew verbalment u kif ukoll permezz tal-*email *Dok. DAx, struzzjonijiet biex jaġixxi bħala rappreżentant tal-korp DeMicoli & Associates, u konsegwentement, billi kif diġà ngħad dan il-korp għandu personalità ġuridika, l-attur għandu jitqies bħala persuna li ġiet awtorizzata bil-miktub biex taġixxi ġudizzjarjament f'isem dak il-korp għall-finijiet tal-Artikolu 181A(2) tal-Kapitolu 12. Dan jipprovdi hekk: -*

Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija.

*Konformement, it-teżi tal-konvenuti illi l-attur, meta istitwixxa din l-azzjoni, kien qed jaġixxi bħala mandatarju ta' persuna preżenti f'Malta, ma treġġix u tfalli proprju għaliex kif appena kkunsidrat u stabbilit, l-attur ma kienx qed jaġixxi għan-nom ta' individwu jew għadd ta' persuni proprio, iżda għan-nom ta' korp b'personalità ġuridika distinta minn dik tal-persuni li jikkostitwuh. Stabbilit dan, jiġi osservat ukoll illi ma nġiebet l-ebda prova kwalsiasi mill-konvenuti sabiex idgħajfu din il-konkluzjoni jew sabiex juru illi l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-attur ma tiswix.*

*Konsegwentement, fiċ-ċirkostanzi, fejn qed tiġi trattata eċċezzjoni sollevata* ai termini *tas-Subtitolu IV tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 (fn. 24 "Fuq l-Eċċezzjoni tal-Illeġitimità tal-Persuna tal-Attur jew il-Konvenut"), il-Qorti ma tistax ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 786A, li jipprovdu illi: -*

> **786A.** Ma tistax tingħata l-eċċezzjoni tal-illeġittimità kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, u fil-każ ta' persuna msemmija fl-artikolu 187(7) fil-każ ta' bastiment jew biċċa oħra tal-baħar.
>
> *Għaldaqstant, mill-atti kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1865 tal-Kodiċi Ċivili, jirriżulta suffiċjentement ippruvat illi l-attur il-Perit David Anastasi ġie awtorizzat bil-miktub biex jagixxi in ġudizzju għan-nom u in rappreżentanza ta' korp b'personalità ġuridika, ċioé DeMicoli & Associates, billi jistitwixxi dawn il-proċeduri f'isem DeMicoli & Associates għall-ħlas tad-drittijiet professjonali dovuti lill-imsemmi soċjetà u konsegwentement, anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 786A tal-Kap. 12 l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, hekk kif fondata fuq l-Artikolu 1866 tal-Kap. 16, m'hijiex siewja u ser tiġ miċhuda."*

## Ir-Rikors tal-Appell

10. L-intimati Azzopardi ippreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-14 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex jogħġobha:

> *"...filwaqt li* ***tikkonferma*** *s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Settembru 2019, referenza numru 65/2016RM fl-ismijiet Perit David Anastasi f'ismu proprju kif ukoll f'isem Demicoli & Associates v. Sarex Limited (C6098), Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi f'dawk il-partijiet tagħha fejn: (i) laqgħet it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti u ddikjarat li l-attur Perit David Anastasi* de proprio *ma għandu ebda interess ġuridiku fl-azzjoni, u konsegwentement illiberat lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju limitatament fil-konfront tal-istess attur* de proprio; *u (ii) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u filwaqt illi ddikjarat li s-soċjetà Sarex Limited ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju,* ***tirrevoka, tħassar u tannulla*** *s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Settembru 2019, referenza numru 65/2016RM fl-ismijiet Perid David Anastasi f'ismu proprju kif ukoll f'isem Demicoli & Associates v. Sarex Limited (C6098), Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi f'dik il-parti tagħha fejn: (i) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, fosthom l-appellanti, u b'hekk iddikjarat illi l-attur Perit David Anastasi huwa awtorizzat jaġixxi u jħarrek f'isem id-ditta DeMicoli & Associates u li jirrappreżenta l-interessi tagħha; u (ii) ċaħdet konsegwentement it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti; u (iii) konsegwentement laqgħet it-talba tal-attur Perit David Anastasi f'isem DeMicoli*

*& Associates billi kkundannat lill-appellanti Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi jħallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' disat elef, erba' mija u erbgħin Euro (€9,440), bl-imgħax mid-data tal-ewwel sejħa ġudizzjarja, ċioé mit-22 ta' Marzu 2016,* ***sabiex b'hekk*** *tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti, fosthom l-appellanti, u tgħaddi sabiex takkolji wkoll it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet imqanqla fil-mertu mill-konvenuti, fosthom l-appellanti, dan bl-ispejjeż kontra l-appellati."*

L-intimati Azzopardi jressqu dawn iż-żewġ aggravji: (1) l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tagħhom; (2) l-ewwel Qorti qieset bħala prova immaterjali l-*email* annessa mal-*affidavit* tar-rikorrent pro et noe.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-appell inċidentali</u>**

11. Ir-rikorrent pro et noe iwieġeb għall-appell tal-intimati Azzopardi billi jissottometti li dan huwa null stante li huwa nieqes mir-rekwiżiti mitluba mil-liġi. Dwar il-mertu jissottometti: (1) l-intimati Azzopardi ma kinux qed iqiesu l-personalità ġuridika indipendenti u separata tad-ditta mis-soċji tagħha; (2) ma kienx hemm bżonn li proposta ta' transazzjoni jkun fiha l-kliem "mingħajr preġudizzju".

12. Flimkien mar-risposta tiegħu, ir-rikorrent pro et noe ppreżenta appell inċidentali fejn filwaqt li ddikjara li jħoss ruħu aggravat bid-digriet tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Diċembru, 2018, u anki b'dawk il-kapi tas-sentenza appellata deċiżi kontra tiegħu, hu qed jitlob lil din il-Qorti:

*"i. Tvarja u timmodifika d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malti) nhar it-12 ta' Diċembru 2018 fil-kawża fl-ismijiet* Perit David Anastasi f'ismu

proprju kif ukoll f'isem DeMicoli & Associates vs Sarex Limited (C6098), Ivan u Jennifer konjuġi Azzopardi (Avviż Numru 65/2016RM)*, u dan billi, filwaqt illi tikkonferma l-istess digriet safejn (anke in vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni ta' l-esponent) awtorizza li titressaq eċċezzjoni ulterjuri dwar l-allegat nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur* proprio, *kif ukoll tikkonferma l-istess digriet fejn ċaħad it-talba tal-konvenuti biex jissollevaw eċċezzjoni ulterjuri dwar il-prova tal-mandat tal-attur biex jaġixxi f'isem id-ditta DeMicoli & Associates, iżda min-naħa l-oħra tħassar, tannulla u tirrexxindi l-istess digriet safejn awtorizzat it-talba tal-konvenuti sabiex tiġi sollevata eċċezzjoni ulterjuri limitatament dwar l-illeġittimità tal-attur li jħarrek f'isem persuna oħra preżenti f'Malta u minflok tiddikjara li tali eċċezzjoni ulterjuri kellha titqajjem* in limine litis *u ma kellhiex tiġi awtorizzata f'dak l-istadju; u*

*ii. Tvarja u timmodifika s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malti) nhar il-25 ta' Settembru 2019 fil-kawża fl-ismijiet* Perit David Anastasi f'ismu proprju kif ukoll f'isem DeMicoli & Associates vs Sarex Limited (C6098), Ivan u Jennifer konjuġi Azzoardi (Avviż Numru 65/2016RM), *u dan billi, filwaqt illi tikkonferma l-istess sentenza safejn laqgħet it-talba kif magħmula f'isem l-attur* nomine *fil-konfront tal-konvenuti konuġi Azzopardi, kif ukoll tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, kif ukoll ċaħdet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti, min-naħa l-oħra iżda tħassar, tannulla u tirrexxindi s-sentenza appellata fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni ulterjuri u l-ewwel eċċezzjoni oriġinali tal-konvenuti, u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha, oriġinali u ulterjuri, u tilqa' t-talba attriċi kif magħmula għan-nom tal-attur sija* proprio *u sija* nomine*, fil-konfront tal-konvenuti kollha solidalment bejniethom;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti solidalment bejniethom u bl-imgħaxijiet legali kif ordnati mill-ewwel Onorabbli Qorti ukoll kontra l-konvenuti solidalment bejniethom."*

13. Ir-rikorrent pro et noe iressaq dawn l-aggravji: (1) kellha tiġi miċħuda t-talba sabiex titressaq eċċezzjoni ulterjuri li persuna li tinstab f'Malta ma tistax tagħti mandat għall-fini ta' proċeduri ġudizzjarji f'Malta; (2) ir-rikorrent *proprio* kellu interess ġuridiku personali fit-talbiet attriċi; (3) l-ewwel Qorti kellha

tagħti aktar importanza għall-fatt li l-intimat Azzopardi dejjem ikkomunika permezz ta' *emails* maħruġa mis-soċjetà intimata.

## Ir-risposta tal-intimati għall-appell inċidentali

14. L-intimati jilqgħu għall-appell inċidentali billi jissottomettu li l-aggravji mressqa mir-rikorrent pro et noe għandhom jiġu miċħuda u s-sentenza appellata kkonfermata sa fejn din laqgħet it-talbiet tagħhom skont id-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2018, u anki l-eċċezzjonijiet li kienu l-mertu tal-appell inċidentali.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji taż-żewġ appelli, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivi, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Iżda qabelxejn ser tikkunsidra s-sottomissjoni tar-rikorrent pro et noe li l-appell intavolat mill-intimati Azzopardi huwa irritu u null minħabba li jonqsu dawk ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi. Huwa jispjega li l-liġi titlob li fir-rikors tal-appell għandu jsir riferiment għat-talbiet, għall-eċċezzjonijiet u d-dettalji rikjesti.

16. Issa s-subartikolu 143(2) tal-Kap. 12 jiddisponi kif ġej:

> *"(2) Ir-rikors għat-tibdil tas-sentenza għandu jkun fih riferenza għat-talba u għas-sentenza li tkun qegħda tiġi appellata...".*

17. Din il-Qorti tqis li r-rikors tal-appell magħmul mill-intimati Azzopardi jissodisfa dak mitlub mil-liġi. Fil-paragrafu numru 3 tiegħu hemm proprju riprodott id-*decide* tas-sentenza appellata, fejn ukoll wieħed isib imfisser it-talba qasira li ressaq ir-rikorrent pro et noe quddiem l-ewwel Qorti. Għalhekk ir-rikorrent pro et noe m'għandux raġun meta jgħid li r-rikors tal-appell huwa wieħed irritu u null.

*L-ewwel aggravju tal-intimati Azzopardi:*

> *l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom*

*L-ewwel aggravju tar-rikorrent pro et noe:*

> *l-ewwel Qorti ma kellhiex tagħti permess lill-intimati sabiex jippreżentaw l-eċċezzjoni li persuna li tinstab f'Malta ma tistax tagħti mandat għall-finijiet ta' proċeduri ġudizzjarji f'Malta*

18. Qabel ma din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-intimati Azzopardi, hija ser tqis jekk għandux jintlaqa' l-ewwel aggravju tar-rikorrent pro et noe li huwa ntiż sabiex idgħajjef il-pożizzjoni tal-istess intimati Azzopardi fir-rigward tal-ewwel aggravju tagħhom. Hawnhekk ir-rikorrent pro et noe qed isostni li l-ewwel Qorti, bħal fil-każ tal-eċċezzjoni mressqa mill-intimati fir-rigward tan-nuqqas ta' prova tal-mandat tiegħu, kellha tiċħad ukoll permezz tad-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2018, it-talba li titressaq l-

eċċezzjoni li persuna li tinstab f'Malta ma tistax tagħti mandat għall-finijiet ta' proċeduri ġudizzjarji f'Malta stante li din kienet ta' natura dilatorja u kellha tingħata *in limine litis.* Min-naħa tagħhom l-intimati Azzopardi juru li ma jaqblux u jgħidu li l-aggravju tar-rikorrent pro et noe ma jimmeritax li jintlaqa'.

19. L-ewwel Qorti fid-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2018, osservat li l-eċċezzjoni inkwistjoni kienet perentorja fuq il-proċeduri innifshom *"...għaliex jekk tintlaqa' twaqqaf il-kawża ta' lanqas inkwantu l-azzjoni mibdija mill-attur f'dik il-kapaċità rappreżentattiva".* B'hekk iddeċidiet li l-eċċezzjoni setgħet issir mill-intimati Azzopardi f'dak l-istadju.

20. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti. Kif sewwa osservat, l-eċċezzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' prova tal-mandat tar-rikorrent il-Perit David Anastasi, setgħet titressaq mill-ewwel fir-risposta għar-rikors promotur *"... meta kien diġà ben evidenti f'dak l-istadju li l-attur kien qed jippretendi li jaġixxi wkoll f'kapaċità rappreżentattiva tad-ditta Demicoli & Associates*". L-istess, l-ewwel Qorti qalet, seta' jingħad fir-rigward tal-eċċezzjoni fondata fuq l-artikolu 1866 tal-Kap. 12 intiża sabiex tpoġġi fid-dubju l-illeġittimità tar-rikorrent il-Perit David Anastasi li jħarrek f'isem terzi. Iżda kif tajjeb qalet ukoll l-ewwel Qorti, l-eċċezzjoni tista' jekk tintlaqa' twaqqaf il-proċeduri odjerni u għalhekk kellha titħalla ssir u dan skont dak li jipprovdi s-subartikolu 732(1) tal-Kap. 12. Għalkemm din il-Qorti taċċetta u tagħmel tagħha dak li qalet l-ewwel Qorti, ma tistax ma tosservax li huwa biss waqt li nstemgħu l-proċeduri li seta' jiġi kostatat li l-mandant jew mandanti ma kienx jew ma kienux neqsin minn Malta għal xi raġuni jew oħra u li għalhekk l-eċċezzjoni setgħet titqajjem proprju f'dak l-istadju.

21. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrent pro et noe ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

22. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tagħhom, l-intimati Azzopardi jissottomettu li meta l-ewwel Qorti qieset l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom, hija bdiet billi stħarrġet jekk ir-rikorrent pro et noe kienx ingħatalu mandat validu skont il-liġi. Hija sabet illi proprju hekk kien u dan ukoll fil-parametri stabbiliti fil-korrispondenza esebita bħala Dok. Dax.[1] L-intimati Azzopardi ddikjaraw li huma jaqblu mal-ewwel Qorti b'dana li jirrilevaw li dak li sabet il-Qorti ma kienx jolqot l-eċċezzjoni sħiħa tagħhom. Huma jiċċitaw l-artikolu 1866 tal-Kap. 16 u jirrilevaw li dan l-artikolu jipprovdi għal żewġ derogi biss mir-regola ġenerali, liema derogi ma japplikawx fil-każ odjern. Jissottomettu li madankollu l-ewwel Qorti qieset li dan l-artikolu mhux applikabbli anki fejn il-prinċipal ikun korp ta' persuni formalment imwaqqaf u li għandu personalità ġuridika distinta. L-intimati Azzopardi jissottomettu li hawnhekk l-ewwel Qorti kienet legalment żbaljata għaliex minn imkien ma kien jirriżulta li dak li jipprovdi għalih l-artikolu 1866 kien japplika biss għal persuni naturali. Fil-fehma tagħhom dak li jipprovdi l-artikolu 786A tal-Kap. 12 ma setax jitqies bħala deroga oħra mill-prinċipju ġenerali li jinstab fl-artikolu 1866. Iżda l-ewwel Qorti in sostenn tal-konsiderazzjonijiet tagħha kienet għamlet riferiment għas-subartikolu 181A(2) tal-Kap. 12 flimkien mal-artikolu 786A tal-istess liġi. L-intimati Azzopardi jirrilevaw li fid-depożizzjoni tiegħu tad-9 ta' April, 2019, ir-rikorrenti pro et noe qal li d-ditta DeMicoli & Associates hija bażata hawn Malta, anki fiż-żmien meta huwa fetaħ il-proċeduri odjerni,

[1] *A fol.* 27 tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti.

filwaqt li s-soċji tad-ditta wkoll kien jgħixu hawn Malta. Huma jilmentaw mill-mod kif l-ewwel Qorti straħet biss fuq il-kontenut ta' żewġ fatturi sabiex ikkunsidrat li din id-ditta kellha personalità ġuridika distinta, jiġifieri fuq il-fatt li kien hemm indikat in-numru tal-VAT u wkoll in-numru ta' reġistrazzjoni. Jilmentaw mill-fatt li l-Qorti qalet li dawn kienu indikaturi meta kellha titressaq prova appożita mir-rikorrent pro et noe. Jagħlqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 70 tal-Kap. 386, fejn jgħidu li l-atti ma kienu juru bl-ebda mod in-nomenklatura appożita ta' DeMicoli & Associates sabiex turi jekk din kinitx kumpannija, soċjetà f'isem kollettiv, soċjetà akkomandita jew l-ebda waħda minn dawn. Għalhekk wisq anqas l-ewwel Qorti ma kellha prova ta' min kien jirrappreżenta jew min seta' jirrappreżenta lil din l-entità fl-għoti ta' mandat.

23. Ir-rikorrent pro et noe jilqa' billi jgħid li meta l-intimati Azzopardi jgħidu li s-soċji tad-ditta kienu jgħixu Malta, huma ma kinux qed iqiesu li dik id-ditta kellha personalità ġuridika indipendenti u separata mis-soċji tagħha. Jissottometti li huwa proprju għalhekk applikabbli l-artikolu 786A tal-Kap. 12 fil-każ odjern, iżda hawnhekk l-intimati Azzopardi kienu qegħdin jittentaw jerġgħu jressqu l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' prova tal-mandat u min-naħa l-oħra wkoll qegħdin iressqu l-eċċezzjoni ġdida li ma saret l-ebda prova tal-eżistenza tad-ditta attriċi. Dwar l-ewwel eċċezzjoni r-rikorrent pro et noe jissottometti li kien diġà ġie deċiż mill-ewwel Qorti li din kellha tingħata *in limine litis* u fir-rigward tal-eċċezzjoni l-oħra li l-intimati Azzopardi kienu qegħdin jittentaw iressqu, huwa jissottometti li DeMicoli & Associates hija ditta ta' periti, jiġifieri soċjetà ċivili li ma teħtiegx l-ebda reġistrazzjoni u fil-każ odjern il-Perit David Anastasi kien qed jirrappreżentaha. B'hekk ir-rikorrent pro

et noe jirrileva li l-kontijiet kienu nħarġu fuq *letter-head* ta' dik id-ditta u mhux fuq *letter-head* tal-kumpannija DeMicoli & Associates Limited li kienet tintuża għal skopijiet oħra.

24. Din il-Qorti tikkunsidra li l-ewwel Qorti sewwa sabet li l-Perit David Anastasi kien debitament awtorizzat sabiex jipproċedi ġudizzjarjament għan-nom tad-ditta DeMicoli & Associates. Il-partijiet ukoll mhumiex qegħdin jikkontestaw il-mandat tiegħu. Iżda l-Qorti ma tistax tikkunsidra li l-ewwel Qorti ddeċidiet sew meta qalet li *"...l-attur il-Perit David Anastasi ġie awtorizzat bil-miktub biex jaġixxi in ġudizzju għan-nom u in rappreżentanza ta' korp b'personalità ġuridika, ċioé DeMicoli & Associates..."*. Kif jiddikjara r-rikorrent pro et noe fir-risposta tal-appell tiegħu, *"...DeMicoli & Associates hija ditta ta' periti. Ditta ta' periti mhijiex soċjetà kummerċjali, iżda soċjetà ċivili..."*.

25. L-ewwel Qorti, kif sewwa josservaw l-intimati Azzopardi, straħet fuq il-fatt li mill-provi[2] kien jirriżulta li l-korp DeMicoli & Associates kellu numru ta' reġistrazzjoni C 8243, u wkoll numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u kien jimpjega n-nies, sabiex waslet għall-konklużjoni li dik id-ditta kienet soċjetà kostitwita *ai termini* tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 180(1) tal-Kap. 12, kienet taġixxi b'mod awtonomu u kellha personalità ġuridika distinta. Iżda din il-Qorti taqbel mal-intimati Azzopardi li l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq indikaturi, iżda fuq provi sabiex tfittex u ssib jekk DeMicoli & Associates kinitx ditta jew soċjetà debitament imwaqqfa u reġistrata skont il-liġi.

---

[2] Doc. G u Doc. T.

26. Din il-Qorti tagħmel riferiment għas-subartikolu 70(2) tal-Kap. 386, ċitat ukoll mill-intimati Azzopardi, fejn jingħad li fil-każ ta' kumpannija privata l-isem ta' dik il-kumpannija għandu jispiċċa bil-kliem *"private limited company"* jew bil-kelma *"limited"* jew *"ltd".* Issa l-intimati ġew imħarrka mill-Perit David Anastasi kemm f'ismu proprju u wkoll f'isem DeMicoli & Associates. Peress li l-ebda kelma minn dawn ma tinstab miktuba wara l-kliem 'DeMicoli & Associates', ma jistax jitqies li l-Perit David Anastasi ħarrek f'isem u għan-nom ta' soċjetà privata kif iddikjarat l-ewwel Qorti. Anki jekk fuq il-kontijiet maħruġa minn DeMicoli & Associates hemm indikat numru ta' reġistrazzjoni, xorta waħda l-Perit David Anastasi seta' ddeċieda li jħarrek mod ieħor.

27. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 70(2) tal-Kap. 386 huma intiżi li f'każ ta' kumpannija privata jkun ċar għal terzi li tkun proprju hi, u mhux il-membri li jikkostitwuha, li qiegħda taġixxi fil-konfront tagħhom. Dan kollu msejjes fuq id-duttrina tal-personalità ġuridika distinta ta' kumpannija privata kif abbraċċjata minn dawn il-Qrati. Issa skont is-subartikolu 181A(1) tal-Kap. 12, isem kumpannija privata għandu jitniżżel f'skritturi ppreżentati minnha jew kontriha. Fin-nuqqas tal-isem sħih tagħha b'indikazzjoni ta' xi waħda mill-kliem kif jipprovdi s-subartikolu 70(2) tal-Kap. 386, jista' biss jiġi kkunsidrat li r-rikorrent il-Perit David Anastasi qed jaġixxi f'isem ditta. Dan fil-fatt jikkonfermah huwa stess fir-risposta tiegħu kif diġà ġie ritenut aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

28. Għal dawn ir-raġunijiet, ħażin iddeċidiet l-ewwel Qorti u bħala konsegwenza l-konklużjoni tagħha li l-intimati ma kellhomx raġun jgħidu li l-Perit David Anastasi kien qed jaġixxi bħala mandatarju ta' persuna preżenti

f'Malta, ma setgħetx tkun waħda tajba. Min-naħa tiegħu r-rikorrent pro et noe isostni fir-risposta tal-appell tiegħu li l-intimati Azzopardi qatt ma ġabu fid-dubju l-eżistenza *o meno* tas-soċjetà ċivili DeMicoli & Associates qabel l-appell odjern. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati ma kinitx dwar dan il-punt, iżda kienet tirrigwarda s-setgħa tar-rikorrent il-Perit David Anastasi *o meno* li jmexxi, jaġixxi u/jew iħarrek f'isem dik id-ditta. Kienet proprju l-ewwel Qorti li żvijjat fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk kienx jirriżulta li d-ditta DeMicoli & Associates kienet korp awtonomu b'personalità ġuridika distinta.

29. Issa ġaladarba saħansitra m'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li DeMicoli & Associates mhijiex korp b'personalità ġuridika distinta, huwa applikabbli l-artikolu 1866 tal-Kap. 16. Dan jipprovdi kif ġej:

> *"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir ...".*

30. L-ewwel Qorti osservat li mix-xhieda tar-rikorrent il-Perit David Anastasi mogħtija waqt l-udjenza tad-9 ta' April, 2019[3], jirriżulta li d-ditta inkwistjoni kienet u għadha bbażata hawn Malta, l-uffiċċju tagħha jinstab ġewwa San Ġwann u s-soċji kollha jgħixu Malta. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet aċċettati saħanistra mir-rikorrent pro et noe, sewwa jissottomettu l-intimati Azzopardi li l-ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

[3] *A fol.* 31 tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti.

31. Għaldaqstant din il-Qorti ssib dan l-aggravju tal-intimati Azzopardi ġustifikat u tilqgħu.

32. Peress li din il-Qorti qed issib li skont l-artikolu 1866 tal-Kap. 16 ir-rikorrent pro et noe ma setax iħarrek lill-intimati kollha f'isem il-mandant tiegħu, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju mressaq mill-intimati Azzopardi u anki tat-tielet aggravju miġjub mir-rikorrent pro et noe.

*It-tieni aggravju tar-rikorrent pro et noe: huwa kellu interess ġuridiku*

33. Ir-rikorrent pro et noe jissottometti li kuntrarjament għal dak li kien ġie deċiż, huwa kellu interess (a) personali billi huwa kien irrenda servizzi lil persuni li kienu inkarigaw lilu direttament; (b) bħala soċju tad-ditta li magħha huwa miftiehem sabiex iżomm parti mid-drittijiet li huwa jieħu mingħand il-klijenti personali tiegħu; (ċ) bħala kreditur *debitor debitoris mei*.

34. L-intimati Azzopardi jilqgħu billi filwaqt li jagħmlu riferiment għal diversi argumenti miġjuba mir-rikorrent pro et noe, jirrilevaw li dawn jixhdu konfużjoni f'moħħ l-imsemmi rikorrent pro et noe. Jissottomettu li huma ma jistgħux jifhmu l-loġika tiegħu u daqstant ukoll meta huwa jagħmel riferiment għall-*actio debitor debitoris mei* li biex tirnexxi kien hemm bżonn li l-kreditur jipprova għadd ta' elementi. In sostenn tal-argument tagħhom huma jiċċitaw silta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) [Ġurisdizzjoni Superjuri] mogħtija fis-7 ta' Mejju, 2013, fl-ismijiet **Emidio Azzopardi et *vs.* Avukat Kevin Mompalao pro et noe et**.

35. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' April, 2018, kienet diġà għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tar-rikorrent *de proprio* bħala kreditur tal-intimati:

> *"Mhux in diskuss li s-servizz mogħti lill-konvenuti ingħata mill-uffiċċju Demicoli & Associates kif mistqarr mill-istess perit attur li jgħid li huwa impjegat ma' Demicoli & Associates u għalhekk l-flus semmai huma dovuti lill-uffiċċju Demicoli u mhux lilu. Jingħad li s-servizz ġie prestat mill-Perit Anastasi għan-nom ta' Demicoli & Associates u ċioé a bażi tar-relazzjoni kontrattwali li għandu l-istess perit ma' dan l-uffiċċju. Dan il-fatt huwa ukoll kkonfermat minn Caroline Webb li tgħid li minkejja li hija ħadmet fuq dan il-proġett bħala* interior designer *flimkien mal-Perit Anastasi hija ma tħallsitx ta' xogħolha għaliex hija taħdem* full time *ma' dan l-uffiċċju u għalhekk għandha paga mensili.*
>
> *Għalhekk huwa l-uffiċċju Demicoli & Associates semmai li huwa l-kreditur u mhux l-attur* de proprio. *M'hemmx dubbju li l-kawża li l-attur ippropona fil-vesti tiegħu* de proprio *qatt ma tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih għaliex il-paga tiegħu ma tiddependix minn jekk huwa jiġix kkundannat kreditur tal-konvenuti jew le. Illi għalhekk hija il-fehma tal-Qorti li l-attur* de proprio *m'għandux interess ġuridiku f'din il-kawża u għalhekk tali eċċezzjoni tal-konvenuti qed tiġi milqugħa.*
>
> *... Illi l-attur* de proprio *jgħid li l-flejjes dovuti mill-konvenuti huma dovuti lil Demicoli & Associates u mhux lilu (vide xhieda tal-istess attur nhar it-3 ta' Lulju, 2017) ...".*

36. L-ewwel Qorti għal darb'oħra esprimiet l-istess fehma fis-sentenza appellata:

> *"...il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-ħlas tad-drittijiet professjonali reklamat mingħand il-konvenuti huwa, dikjaratament, dovut lil u jiġi perċepiti mid-ditta DeMicoli & Associates jista' jfisser biss illi l-attur fil-vesti tiegħu personali ma għandux dritt li jaġixxi għall-ħlas tal-istess drittijiet. Il-Qorti tqis illi l-fatt illi l-attur jista' jkun intitolat eventwalment għal sehem minn dawn id-drittijiet, huwa immaterjali stante illi l-ħlas ta' sehmu huwa dovut mhux mill-konvenuti iżda mid-ditta DeMicoli & Associates u ċertament il-kwistjonijiet interni huma irrilevanti kif ukoll* res inter alios acta *għall-konvenuti odjerni. Wara kollox, kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-26 ta' Jannar 2018 (fn. 11* ***Emily Stivala et vs Paola Tabone****), wieħed irid jiddistingwi bejn sempliċi interess u interess ġuridiku f'kawża."*

37. Issa din il-Qorti, kif diversament preseduta, kienet diġà osservat is-segwenti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2018:

*"...Hu veru li l-attur xehed (fol.41):*

"Nikkonferma illi l-ammont mitlub minni effettivament huwa dovut lil Demicoli and Associates **u mhux lili personalment**".

*Wieħed jista' jargumenta li hu diffiċli li jimmaġina kif il-perit Anastasi ser jikkonvinċi lill-qorti li għandu interess ġuridiku meta hu stess iddikjara li l-ħlas m'huwiex dovut lilu personalment. Però m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li toqgħod tispekula. ..."*

38. L-istqarrija tar-rikorrent pro et noe kif riprodotta mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ma tistax faċilment titwarrab, aktar u aktar meta wieħed iqies li (i) skont l-*affidavit*[4] tiegħu r-rikorrent jaħdem mad-ditta DeMicoli & Associates; (ii) kemm l-istima, kif ukoll il-pjanti u l-*Request for Payment* kollha nħarġu mid-ditta DeMicoli & Associates[5]; (iii) skont l-email tat-3 ta' Settembru, 2014, lill-Perit Ray DeMicoli, l-istess rikorrent pro et noe kien ressaq lill-intimati Azzopardi bħala klijenti lill-uffiċċju tad-ditta DeMicoli & Associates; (iv) kif jirriżulta mill-istess email tiegħu u dawk sussegwenti tal-4 ta' Settembru, 2014, u tal-1 ta' Ottubru, 2014, ir-rikorrent talab u stenna għall-awtorizzazzjoni tal-Perit Ray DeMicoli sabiex joħroġ fattura f'isem id-ditta u jipproċedi legalment kontra l-intimati Azzopardi.

39. Din il-Qorti ma ssib xejn fl-atti proċesswali li jista' jġegħelha tikkunsidra li l-ammont reklamat huwa dovut lir-rikorrent *de proprio* u li għalhekk huwa għandu interess ġuridiku personalment f'dawn il-proċeduri. Il-mod ta' kif u

---

[4] *A fol.* 12 tal-ewwel proċess tal-ewwel Qorti u a *fol.* 26 tat-tieni proċess.
[5] *Ibid.*

kemm huwa kien jitħallas mid-ditta m'għandu l-ebda rilevanza għall-kwistjoni tal-interess ġuridiku tiegħu f'dawn il-proċeduri. Kif sewwa tosserva l-ewwel Qorti, dawk huma kwistjonijiet ta' *res inter alios acta.* Fl-aħħar nett jingħad li lanqas jista' r-rikorrent *de proprio* jippretendi li huwa jista' jieħu sentenza favorevoli minn din il-Qorti bis-saħħa tal-*actio surrogatoria vel debitor debitoris mei,* għaliex kif sew magħruf fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, huwa ma jistax iressaq pretensjonijiet ġodda fl-istadju tal-appell.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell inċidentali billi tiċħdu, filwaqt li tilqa' l-appell prinċipali mressaq mill-intimati Azzopardi limitatament kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza u tbiddel s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din laqgħet it-tieni eċċezzjoni ulterjuri u l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Azzopardi, tħassarha fil-bqija u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent pro et noe u tilqa' wkoll l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati Azzopardi.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza tas-soċjetà intimata jibqgħu kif deċiżi u dawk taż-żewġ istanzi tal-partijiet l-oħra jkunu a karigu tar-rikorrent pro et noe.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**